**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

## IL-SEBA' LEĠISLATURA

## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 30 – IT-TNEJN, 15 TA' SETTEMBRU 2014 FIS-5.45PM

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 29**

1.1 Kien hemm tliet korrezzjonijiet.

1.2 7.2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet li tidħol din wara l-ewwel sentenza. "Is-Sur Dominic Cassar informa lill-Kunsill li l-bankijiet tneħħew għax kienu diġà maqlugħin u setgħu jinsterqu". Kien hemm qbil unanimu.

1.3 7.2.1 Is-Sinjura Joan Farrugia pproponiet ukoll li tidħol fl-aħħar tal-paragrafu "Rigward il-ġonna speċjalment Misraħ Lewża, il-Kunsillier Cassar qal li kemm idum dan il-Gvern, ma jrid jagħmel xejn". Is-Sur Trevor Fenech issekonda. Kien hemm 4 favur u 3 kontra.

1.3.1 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni li din il-korrezzjoni ma tagħmilx sens għax qed isir referenza għal żewġ konversazzjonijiet f'daqqa.

1.4 4.4 Is-Sur Malcolm Abdilla ppropona li għandha tidħol "jew fil-Ministeru" wara l-kelma "Kunsill". Kien hemm qbil unanimu.

1.5 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sinjura Rita Saliba ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

## 2 Punti li joħorġu mill-Minuti

2.1 7.2.1 Is-Sinjura Marica Bayliss ikkummentat li s-Sur Dominic Cassar vera qal hekk imma kien qed jirreferi għal Ġnien Karin Grech minħabba li qed nistennew li jibda x-xogħol fuq il-proġett.

2.2 7.2.1 Is-Sur Dominic Cassar insista li hu kien qed jirriferi għal Ġnien Karin Grech u mhux Misraħ Lewża.

## 3 Pagamenti Numru 27

2.1 Ma kienx hemm pagamenti għall-approvazzjoni.

2.2 Kien hemm diskussjoni fuq il-pagament li twaqqaf fil-laqgħa preċedenti tat-Twish Co Ltd. Ġie deċiż li jsir il-pagament u flimkien mal-pagament, tintbagħat ittra lill-kuntrattur, li l-Kunsill għadu mhux kuntent bix-xogħol tas-sub-contractor.

## 4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

4.1 Ġew diskussi l-feedback li kellu l-Kunsill rigward il-proposta biex jitneħħa l-parkeġġ minn Triq il-Begonja. Kien hemm 6 favur u 5 kontra. Il-Kunsill iddeċieda li din id-deċiżjoni tittieħed aktar 'il quddiem. Ġie deċiż li jitwaħħlu żewġ bollards f'din it-triq minħabba ħsara li jagħmlu l-karrozzi.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward pjanti proposti għal proġett Ġnien Karin Grech. Għandu jsir follow-up meeting mal-Ministru fuq dan.

4.3 Ġiet innuatata Memo 25/2014 Inizjattivi Sportivi. Ġie deċiż li napplikaw għal football. Is-Sur Trevor Fenech għandu jagħmel kuntatt mal-klabb tal-football ta' San Ġwann.

4.4 Ġew diskussi l-kwotazzjonijiet għal xoghlijiet fuq bankini mill-Kumpanija Dimbros. Ġie deċiż li dan ix-xoghol ma jsirx għalissa. Għandha terġa' tinħareġ sejħa ġdida jekk din it-tender skadiet.

4.5 Kien hemm diskussjoni fuq ir-rapport tal-inkjesta fuq ix-xiri tal-binja tal-Kunsill. Is-Sindku innota li d-Dipartiment għandu jiltaqa' mal-Kunsill fuq dan. Għandu jitlob laqgħa mad-Direttur fuq din.

4.6 Ġie deċiz li jinxtara monitor ġdid minħabba li l-antik huwa bil-ħsara.

4.7 Kien hemm diskussjoni fuq l-abbozz tal-website tal-Kunsill. Ġie deċiż li s-Sindku u s-Sur Malcolm Abdilla jiltaqgħu mad-Developer tal-website.

## 5 Affarjiet oħra

5.1 Is-Sinjura Marica Bayliss xtaqet tirringrazzja lill-ħaddiema tal-IPSL għax-xogħol li qed jagħmlu f'San Ġwann. Hi pproponiet li jekk hemm il-bżonn jinxtraw żewġ bollards biex il-pulizija jkunu jistgħu jagħlqu t-triq meta jkunu ħerġin it-tfal tal-iskola. Għandu jsir komunikazzjoni wkoll mas-Supretendent biex jassigura li t-triq tingħalaq meta jkunu ħerġin it-tfal.

5.2 Is-Sinjura Joan Farrugia talbet biex jiġi approvat xogħol fuq layby fi Triq Bella Vista. Dan ix-xogħol ser isir bi spejjeż tar-resident. Is-Sur Dominic Cassar għandu jagħmel site visit u jsir ix-xogħol. Hi ġabet għall-attenzjoni li Misraħ Lewża għandha bżonn xogħol ta' tindif, żbir u tisqija. Dan ix-xoghol għandu jkun parti mix-schedule. Is-Sindku għandu jagħmel site visit. Hi ġabet għall-attenzjoni wkoll li hemm bżonn tinbidel tabella f'Misraħ Lewża, hemm bozza

bil-ħsara fi Triq il-Ballut u hemm bżonn li jsir traffic management aħjar meta tingħalaq it-triq.

Is-Sur Trevor Fenech u s-Sinjura Rita Saliba skużaw ruħhom mil-laqgħa (7.45pm).

5.3 Is-Sur Malcolm Abdilla staqsa fuq it-talba li kienet saret lil TM fuq tabella u bankina fi Triq is-Santwarju.

5.4 Is-Sur Dominic Cassar talab biex il-Kunsill japprova żewġ bollards fi Vjal ir-Riħan minħabba parkeġġ ħażin. Dawn il-bollards għandhom isiru mir-resident. Hu nforma wkoll li l-bankijiet fi Triq Ugo Carbonaro inqalgħu u ser jinżebgħu.

## 6 Għeluq il-Laqgħa

Il-laqgħa spiċċat fit-7.55pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru 2014 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**